MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 12/2012

**John Eric Poulsen [ID. Nru. 40771A]**

**vs**

**David Lancaster**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf tmien mija u hmistax il-euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€1,815.27) liema somma hi wahda likwida, certa u dovuta u tirraprezenta servizzi u xogholijiet li l-esponenti ghamel meta huwa kien impjegat tal-intimat bhala 'chef' fir-restaurant Mr. Pickwick restaurant and Bar, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tan-National Insurance. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt in subizzjoni.

Ra r-riferta a fol. 3 tal-process minn fejn jirrizulta li l-konvenut giet debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh.

Ra l-verbal tat-28 ta' Frar, 2012 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-6 ta' Marzu, 2012 fis-2.00p.m.;

Ra l-verbal tas-6 ta' Marzu, 2012 fejn wara li l-attur iddeppona u ddikjara li ma fadallux aktar provi, huwa talab lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza. It-Tribunal laqgha t-talba u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Semgha' x-xhieda ta' l-attur u ezamina d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti, u li jirrizultaw mix-xhieda ta' l-attur huma s-segwenti:-

(i) L-attur kien jahdem bhala *chef* fil-hanut maghruf bl-isem ta' Mr. Pickwick Restaurant and Bar;

(ii) L-ammont ta' elf tmien mija u hmistax il-euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€1,815.27) huma dovuti lill-attur inkwantu ghal paga mhux imhallsa lilu u kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali. Ghar-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali, l-attur ighid li l-konvenut kien izomm ghaxra fil-mija (10%) tal-paga kollha dovuta lilu. Di fatti, l-istess attur ighid li mill-ammont globali ta' elf tmien mija u hmistax il-euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€1,815.27) hija biss is-somma ta' elf u erba' mitt euro li hi dovuta lilu bhala paga. Id-differenza fl-ammont hija dovuta bhala hlasijiet ghall-kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali

(iii) Fid-dokument esebit u li gie mmarkat bhala Dok. JEP 1, gew indikati l-ammonti ta' sieghat li l-attur hadem mal-konvenut, l-ammont ta' paga dovuta lilu, l-ammonti ta' paga li thallset lilu, u l-ammont ta' sigurta socjali li tnaqqset mill-paga tieghu u li ma thallsitx lill-attur;

(iv) L-attur ghadda biex esebixxa ukoll xi dokumentazzjoni ohra fosthom ittra mibghuta mill-konsulent legali tieghu, zewg emails mibghuta lill-konvenut u ritratt li juri parti mis-sieghat li hadem fir-restaurant imexxi mill-konvenut.

Ikkundsidra ulterjorment;

2. It-Tribunal, wara li semgha x-xhieda u ezamina d-dokumentazzjoni, b'mod partikolari dik immarkata bhala Dok. JEP 1 jirrizultalu li l-ammont ta' €1,442.13 huma dovuti lill-attur bhala arretrati ta' paga filwaqt li l-ammont ta' €374.14 ittiehdu mill-konvenut mill-paga ta' l-attur bhala hlasijiet ta' kontribuzzjoni socjali li pero qatt ma thallsu lid-dipartiment koncernat. Jekk jinghaddu dawn iz-zewg ammonti, jigi l-ammont komplessiv ta' €1816.27 u cioe ewro aktar minn dak li qieghed jitlob l-attur. Pero, anke jekk id-differenza hija ta' ewro biss, it-Tribunal ma jistax imur oltre dak lilu mitlub.

3. Illi kif diga inghad, il-konvenut baqa' ma deherx minkejja li huwa gie debitament notifikata. Lanqas ma gew ikkontestati b'xi mod l-ammonti indikati mill-attur.

Ghalhekk, u anke in mankanza ta' xi opposizzjoni da parti tal-konvenut, jirrizulta li t-talba ta' l-attur timmerita li tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tmien mija u hmistax il-euro u sebgha u

ghoxrin centezmi ta’ euro (€1,815.27). Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------